

WWW.OPBIRGU.ORG
FB.COM/OPBIRGU
BIRGUOP@GMAIL.COM

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa nru. 12

Ottubru 2020

# Ir-Rużarju strument ta' evanġelizzazzjoni

Ix-xahar t'Otturbu huwa marbut mat-talba għażiża t'Ommna Marija, t-talba tar- Rużarju. It-talba tar-rużarju hija strument ta' kontemplazzjoni u meditazzjoni, u kif ukoll ta' evanġelizzazzjoni. It-talba tar-rużarju għan-nisrani hija strument biex jimmedita fuq il-misteri tas-salvazzjoni: il-misteri ta' kif Alla ħabb lill-umanità. It-talba tar-rużarju tgħinna nagħrfu l-kobor t'Alla, u fl-istess ħin l-umiltà tiegħu. Tgħinna nagħrfu dan, għax ir-rużarju huwa ġabra fil-qosor tal-Evanġelju u kif ukoll ġabra fil-qosor tal-ħajja ta' Ommna Marija u ta' kif binha Ġesù. Il-Papa Dumnikan San Piju V fl-1571, 449 sena ilu, meta l-Knisja kellha battalji interni u esterni, speċjalment b'mod estern bil-battalja ta' Lepanto, dar lejn il-Verġni Marija bit-talba tar-Rużarju Mqaddes biex tħares il-flottot kattoliċi waqt il-battalja kontra l-flottot tal-Imperu Ottoman. Kien propju permezz ta' din ir-rebħa li l-Papa San Piju daħal fil-kalendarju litruġiku tal-Knisja il-festa tal-Madonna tar-Rużarju nhar is-7 t'Otturbu. Ftit ġimgħat wara, hawn il-Birgu, fil-Knisja tal-Lunzjata, ġiet imwaqqfa l-Arċikonfraternità tas-Ssmu. Rużarju. Is-sena d-dieħla ser infakkru l-450 sena mit-twaqqif tal-fratellanza tar-Rużarju ġewwa l-Birgu. Din kienet l-Ewwel Fratellanza tar-Rużarju fil-gżejjer Maltin. Nhar il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fl-4 t'Otturbu ser tinxtegħel xemgħa quddiem ix-xbieha devota tal-Madonna tar-Rużarju biex tfakkar dan l-anniversarju speċjali. Matul din is-sena wkoll ser naħdmu biex nippromovu t-talba tar-Rużarju Mqaddes u nkomplu nħalluha tkun strument ta' evanġelizzazzjoni. Għal dan l-anniversarju ġiet imhejjija wkoll kopja tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju biex iddur id-djar tagħna matul din is-sena biex din ix-xbieha tfakkarna fl-importanza tat-talba tar-rużarju fil-familji tagħna. Ejjew inħallu din it-talba tkun il-katina li tgħaqqadna ma' Marija u Binha Sidna Ġesù Kristu, anke f'dawn il-mumenti diffiċli li għaddejin minnhom kaġun tal-pandemija tal-Covid-19. Ejjew induru lejn Marija bit-talba tar-Rużarju u nitolbuha l-protezzjoni tagħha bħalma ħarset lill-Knisja 450 sena ilu.

P. Aaron Zahra OP
Pirjol



450 sena mit-Twaqqif tal-Arċikonfraternita' tas-Ssmu. Rużarju fil-Knisja Dumnikana tal-Lunzjata, il-Birgu



Minbarra l-presidenza tad-Direttur Spiritwali, il-Fratellanza kienet amministrata minn Rettur, żewġ Assistenti, Segretarju, Kollettur u għadd ta' Konsulenti, li qatt ma kienu inqas minn sebgħa. Kull wieħed b'kariga partikulari - bħal ma kienu l-Prokuratur tal-kappella, tan-niċċa tar-Redentur u tas-Sodalità tal-Mejtin. Din l-istabbilta' wasslet biex l-imseħbin ikunu f'qagħda li jfasslu l-Kostituzzjonijiet tal-Fratellanza fuq ta' dik li kien hemm fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Minerva f'Ruma. Dan ma jfisserx li aġġornamenti tul is-snin ma sarux. Niltaqgħu ma' dawk li ġew approvati fl-1927 u aktar qribna fl-1963, u għal darba oħra mill-Pirjol Frank Borg OP, fil-bidu ta' dan is-seklu.

Mal-medda tas-snin, il-Fratellanza kompliet tissaħħaħ. L-għadd ta' fratelli u consorelle baqa jikber. Mil-lista ta' membri mseħbin fl-1862 joħroġ li fil-Fratellanza kien hemm 216 fratell u 111 consorelle. Dawn kienu minn diversi bliet u rħula, l-aktar mill-Kottonera għalkemm saħansitra kien hemm ukoll minn Għawdex. Kompla jikber ukoll l-għadd ta' mseħbin fis-Sodalita' tal-Erwieħ li twaqqfet fiha li, lejn nofs is-seklu dsatax, l-imseħbin kienu jaqbżu l-500. Dawn, bi ħlas żgħir kull xahar, kienu ntitolati għal 7 quddisiet b'suffraġju għal ruħhom wara mewthom u quddies ieħor li kien jitqaddes fl-Oratorju tal-Fratellanza tul Novembru. Kienu ntitolati wkoll li nieshom jingħataw parti mill-ispejjeż tal-funeral.

### *Iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa*

Minn nofs is-Seklu Sbatax u għal mijiet ta' snin wara, il-Fratellanza ntrabtet li tikkontribwixxi sostanzjalment għaċ-ċelebrazzjpni ta' xi festi partikulari fil-Knisja tal-Lunzjata. Ma jistax jonqos li l-aqwa fost dawn ma tkunx dik tal-Madonna tar-Rużarju, fl-ewwel Hadd ta' Ottubru.

Fl-antik, il-festa kienet tiġi ċċelebrata b'solennita' ħafna akbar millum. Minn wieħed mill-kotba tat-Teżorier tas-Seklu Tmintax nieħdu ħjiel ta' kif kienet tiġi ċċelebrata din il-festa f'dawk is-snin. Sa minn jiem qabel, il-Knisja tal-Lunzjata kienet titlibbes l-isbaħ libsa tagħha. Kienet tinkesa b'damask isfar u aħmar, li għal xi snin kien jinkera minn xi knejjes tal-Belt Valletta u drabi oħra mill-Knisja ta' San Filippu fl-Isla. L-art kienet tinkesa b'weraq tar-rand u tal-larinħ; kollox mill-fondi tal-Fratellanza. Nhar il-festa kien jibda bil-kant tal-Matutin, kmieni filgħodu, mill-patrijiet. Aktar tard, kienet tiġi ċċelebrata Quddiesa Solenni, bil-mużika u bil-paniġierku. Wara nofsinhar, kienet toħroġ il-purċissjoni i statwa tal-Madonna. L-istess kien isir fl-Ottava, tmint ijiem wara.

*It-Tieni parti tkompli s-sena d-dieħla.*

Fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan li kien sar fl-1574, kienet inħarġet direttiva li kellu jsir dak kollu possibbli biex fil-knejjes amministrati mid-Dumnikani jitwaqqfu Konfraternitajiet, jew kif magħrufin aktar, Fratellanzi tal-Madonna taħt it-titolu tar-Rużarju.

Fil-Birgu, jidher li din id-direttiva kienet antiċipata sa minn tliet snin qabel. Dan joħroġ minn żewġ testmenti li saru kmieni fl-1572. Permezz ta' dak magħmul minn Ludovico Mano, li sar f'Jannar ta' dik is-sena, it-testatur ħalla flus biex jinqasmu bejn il-konfraternitajiet li kien hemm fil-Lunzjata, fosthom tissemma' dik tar-Rużarju.

Xahrejn wara dak ta' Mano, Matteo Azzopardi kien għamel l-istess u fost il-legati li ħalla lill-konfraternitajiet tal-Knisja tal-Lunzjata, tissemma għal darb' oħra dik tar-Rużarju. Dan kollu huwa prova li l-Fratellanza tar-Rużarju fil-Birgu, fl-1571 kienet ġa mwaqqfa. Dan jikkonferma wkoll li din kienet l-ewwel Fratellanza tar-Rużarju li twaqqfet f'dawn il-Gżejjer.

### *Tikber u Tissaħħaħ*

Sa l-1586, aktarx li kienet issaħħet biżżejjed biex saret attiva ħafna. Dan wassal biex fid-19 ta' April 1594, Dun Antonio Busuttil u Dun Giovanni Domenico Testaferrata, f'isem il-Fratellanza, waslu għal ftehim mal-Komunita' tal-kunvent fuq diversi punti li, għal-xi żmien, setgħu kienu l-kawża ta' tilwim bejniethom . Fost il-ftehim milħuq kien hemm li l-kappella tar-Rużarju tkun amministrata mill-Fratellanza u li jinbena għall-fratellanza oratorju f'lok ipprovdut mill-patrijiet biex fih isiru l-laqgħat u ċ-ċerimonji devozzjonali mill-fratelli. Qablu wkoll, li d-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza kellu jkun patri Dumnikan mill-Kunvent tal-Birgu. Għal din il-kariga dejjem kien jintgħażel il-Pirjol, li kien ikun preżenti u jippresiedi f'kull laqgża, li fil-biċċa l-kbira kienet issir nhar ta' Hadd filgħodu.

Dan il-ftehim milħuq, ma kienx biżżejjed biex jiġi evitat tilwim ieħor li seħħ bejn il-Fratellanza u l-Patrijiet f'nofs is-Seklu Dsatax. Il-Komunita' kienet qed issostni li l-kappella hija tagħha, filwaqt li l-Fratellanza sostniet li din saret tagħha, b'riżultat ta' l-għoti lilha ta' dik oriġinali fil-Knisja tal-Lunzjata l-antika mill-propjetarju tagħha Bernardino Iniques fl-1585. Dan in-nuqqas ta' ftehim spiċċa l-Qorti li, b'sentenza tal-Prim Awla fil-15 ta' Diċembru 1859 u konfermata fl-Appell fil-11 ta' Jannar ta' sentejn wara ġie deċiż li din kienet propjeta' assoluta tal-Fratellanza.



# Il-Fratellanza tar-Rużarju fil-Knisja tal-Lunzjata

## *L-Ewwel Waħda f'Dawn il-Gżejjer*

Kitba ta' Anton Attard

Il-kult lejn il-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu jmur lura sa mill-ewwel snin tal-wasla tal-Ordni Dumnikan f'din il-belt. Dan jista' jiġi msaħħaħ permezz ta' kitba li saret fl-1540 dwar għotja lill-patrijiet minn ċertu Girolamo Balaguer biex fil-knisja jagħmlu kwadru tal-Madonna b'dan it-titolu speċifiku.

Sebgħa u erbgħin sena wara, it-tabib Spanjol Francesco Iniques, li ġie jgħammar f'Malta fl-1530, bena kappella fl-istess knisja u ddedikaha lill-Madonna tar-Rużarju. Il-kwadru titular għaliha kien ikkummissjonah għand l-artist ta' fama Girolamo Spagnuolo, artist Sirakużan, li għamel żmien jgħix il-Birgu. Fost il-kundizzjonijiet li għamillu kien hemm li l- Madonna kellha tidher qed tagħti l-Kuruna tar-Rużarju lil San Duminku u mad-dawra tal-kwadru jpitter il-ħmistax-il posta tar-Rużarju. Kwadru ta' importanza storika, għax kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'dawn il-Gżejjer. Flimkien ma' dik fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat, din kienet l-ewwel kappella f'Malta ddedikata lill-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju.

Permezz ta' atti għand in-nutar Guglielmo Briffa tas-7 u 28 ta' Frar 1580, Bernardino Iniques, bħala eredi ta' missieru Francesco, kien ta u ttrasferixxa l-Kappella tar-Rużarju fil-Knisja tal-Lunzjata lill-Fratellanza tar-Rużarju, li kienet mislufa lilha snin qabel minn missieru. Aktarx kien għalhekk li kien hemm waqtiet meta kien maħsub li l-Fratellanza kienet twaqqfet fl-1580. Iżda dan mhux korrett.

### *Wara Lepanto*

Qabel il-battalja ta' Lepanto bejn il-forzi Kristjani u dawk Misilmin fl-1571, il-Papa Piju V, kien ħeġġeġ lill-insara għat-talba tar-Rużarju. Wara, wera l-konvinzjoni li r-rebħa kienet inkisbet bl-interċessjoni tal-Madonna tar-Rużarju. Dan wassal biex ftit wara ġiet stabbilita l-festa liturġika tagħha. Minn dakinhar, id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu kompliet tixtered mad-dinja nisranija u kompliet żdiedet iżjed fil-Knisja tal-Lunzjata ta' din il-belt. Il-kappella tar-Rużarju kisbet aktar prominenza u kompliet tissebbaħ u tiġi mogħnija b'diversi legati ta' quddies, li beda jiġi ċċelebrat fiha kważi kuljum.

*Ikompli f'paġna 5*

# PROGRAMM TAL-FESTA TAL-BVM TAR-RUŻARJU
## 30 ta' Settembru – 4 t'Ottubru 2020

L-Erbgħa 30 ta' Settembru – L-Ewwel Jum tat-Tridu
Fis-6p.m. Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:15p.m. Quddiesa kantata bl-omelija. Wara tingħad il-kurunella, antifona u barka sagramentali.
Wara l-quddiesa isir it-tberik tal-kuruni tar-rużarju.

Il-Ħamis 1 t'Ottubru – It-Tieni Jum tat-Tridu
Fis-6p.m. Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:15p.m. Quddiesa kantata bl-omelija. Wara tingħad il-kurunella, antifona u barka sagramentali.
Wara l-quddiesa isir it-tberik taż-żejt tal-Madonna tar-Rużarju.

Il-Ġimgħa 2 t'Otturbu – It-Tielet Jum tat-Tridu
Fis-6p.m. Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:15p.m. Quddiesa kantata bl-omelija. Fil-quddiesa ssir iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tar-Rużarju. Wara tingħad il-Kurunella, antifona u barka sagramentali.
Wara ssir il-professjoni tal-fratelli ġodda.

Is-Sibt 3 t'Otturbu – Lejliet il-Festa
Fis-5:45p.m. Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6p.m. Transalazzjoni bir-relikwija mill-artal tal-Madonna tar-Rużarju għall-artal maġġur u wara titkanta t-talba tal-Għasar. Wara quddiesa kantata bl-omelija u barka sagramentali.

Il-Ħadd 4 t'Ottubru – Jum il-Festa
Quddiesa fit-8a.m., 10a.m. u 12p.m.
Wara l-quddiesa tal-10a.m. tingħad is-Supplika tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei.
Fil-5:30p.m. Rużarju meditat quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6p.m. Quddiesa solenni tal-festa ikkonċelebrata mmexxija mir-Rev. Pirjol P. Aaron Zahra O.P. bis-sehem tal-orkestra taħt id-direzzjoni ta' P. Salv Galea. Wara l-quddiesa ser tinxtegħel ix-xemgħa tal-Ġublew tal-450 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-Ssmu. Rużarju fil-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu. Wara isir il-kant tal-antifona u barka sagramentali.

L-Erbgħa 7 t'Ottubru – Jum il-Festa Litruġika
Wara l-quddiesa tas-6:15p.m. ikollna espozizzjoni Ewkaristika sat-8p.m.
Fit-8p.m. fuq talba tal-majjistru tal-Ordni Dumnikan ser tingħad it-talba tar-Rużarju fil-knejjes kollha Dumnikani madwar id-dinja. Wara tingħata l-barka sagramentali
**Matul dawn iċ-ċelebrazzjoni importanti li jiġu mħarsa id-direttivi tal-imxija tal-Covid-19 fil-knisja.*



# Mid-djarju tal-Knisja tal-Lunzjata – Ottubru 2020

Mill-1 – 4 t'Ottubru – Festa tal-Madonna tar-Rużarju *Ara l-programm tal-festa.

7 t'Ottubru – Festa Liturġika tal-Madonna tar-Rużarju
Fit-8p.m. fuq talba tal-majjistru tal-Ordni Dumnikan ser tingħad it-talba tar-Rużarju fil-knejjes kollha Dumnikani madwar id-dinja. Il-Knisja tagħna ser tingħaqad mal-Knejjes kollha Dumnikani tad-dinja bir-reċita tar-Rużarju Mqaddes quddiem ix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes u wara tingħata l-barka sagramentali.

Il-Ġimgħa 9 t'Otturbu – San Ludovik Bertran, presbiteru Dumnika/ Bidu tal-Kors tal-Katekiżmu
Għall-quddiesa tas-6:15p.m. mistiedna b'mod speċjali dawk li ser jattendu l-kors tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. Wara jkollna l-ewwel laqgħa tal-kors fl-oratorju. Importanti li dawk li ser jattendu iġibu visor jew maskra.

It-Tlieta t'Ottubru – Fis-7p.m. laqgħa ta' formazzjoni għall-Lajċi Dumnikani tal-Birgu.

Il-Ġimgħa 16 t'Ottubru – Fis-7p.m. Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

Is-Sibt 17 t'otturbu – Ċelebrazzjoni tal-50 sena Anniversarju mill-proklamazzjoni ta' Duttur tal-Knisja lil Santa Katerina ta' Siena.
Fis-6p.m. Talba tal-Għasar kantata u wara quddiesa bl-omleija.
Fis-7p.m. Kunċert mużikali mill-Kor "Chorus Princeps Melitae".

Il-Ħadd 18 t'Ottubru - Ċelebrazzjoni tal-50 sena Anniversarju mill-proklamazzjoni ta' Duttur tal-Knisja lil Santa Katerina ta' Siena.
Fis-6p.m. Talba tal-Għasar kantata u wara quddiesa kantata u kkonċelebrata mmexxija mill-Pirjol P. Aaron Zahra, wara barka sagramentali. Għal din iċ-ċelebrazzjoni mistiedna b'mod speċjali il-Lajċi Dumnikani.

Il-Ġimgħa 23 t'Ottubru – Fis-7p.m. Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

Il-Ġimgħa 30 t'Ottubru – Fis-7p.m. Laqgħa tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju fil-Kunvent.

Is-Sibt 31 t'Ottubru – Għeluq ix-Xahar tar-Rużarju Mqaddes.
Fis-6p.m. Talba tal-Għasar kantata. Wara quddiesa kantata bl-omleija u bil-kanta tat-Te Deum. Wara ċelebrazzjoni Marjana fil-Knisja. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni issir l-inawgurazzjoni tar-restawr li sar fuq l-istatwa ta' San Duminku tal-Kappella tax-Xirka tad-Duluri u tiġi mbierka mill-ġdid.